# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 2 ta' Mejju, 2019.**

**Numru 1**

**Rikors numru 299/15LM**

**Johanna Ganado**

**v.**

**Edward De Gaetano**

## Preliminari

1. Dan hu appell maghmul mill-attrici minn sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Novembru 2015 li permezz taghha dik il-Qorti iddikjarat li mhjiex il-Qorti kompetenti biex tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici galadarba dawn jitrattaw kwistjoni li ghaddiet in gudikat bis-sentenzi fil-kawzi bin-numri 1578/2001 u 1665/2001 indikati fis-sentenza appellata; bl-ispejjez ikunu a karigu tal-istess attrici.

**Fatti**

2. Fis-succint il-fatti relevanti ghall-appell odjern huma dawn. Permezz ta' zewg sentenzi moghtija mill-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] fis-26 ta' Jannar 2012 [kawzi numri 1578/01 u 1665/2001] dik il-Qorti fil-likwidazzjoni tal-assi tal-komunjoni iddecidiet, inter alia, li:

> "… tassenja lill-konvenuta [Johanna Ganado] nofs is-sehem tal-attur fl-istess fond [Villa Belvedere, Transfiguration Avenue Lija] b'mod li l-fond jigi jappartjeni lilha fl-intier tieghu.
>
> "Min-naha tieghu l-attur qed jigi kumpensat bis-somma ta' mitejn tlieta u tletin elf euro [€233,000] li l-konvenuta ghandha thallas lill-attur. Fil-komputazzjoni ta' dan l-ammont il-Qorti hadet in konsiderazzjoni s-segwenti fatturi:
>
> "[1] li l-villa setghet tinbena biss bis-sahha tad-donazzjonijiet sostanzjali maghmula lill-konvenuta minn missierha ghal dan l-iskop; wkoll bil-hidma tal-konvenuta u ta' ommha;
>
> "[2] li s-sehem ta' l-attur fil-kostruzzjoni tal-villa ma jirrizultax car mill-provi, ghalkemm jirrizulta zgur li hu kien imur fuq il-post sabiex jara li l-affarijiet isiru skond kif ried hu.
>
> "[3] li pero' l-attur ghandu in emfitewsi perpetwa nofs indiviz tal-art li fuqha nbniet il-villa;
>
> "[4] li l-attur huwa l-parti unikament hatja ghat-tkissir ta' dan iz-zwieg.
>
> "Il-Qorti tordna wkoll li bit-trasferiment ta' sehmu mill-villa, il-krediti parafernali tal-konvenuta jitqiesu bhala saldati, u ghalhekk mhu dovut mill-attur ebda hlas ulterjuri f'dan ir-rigward. Jibqa' ferm pero` dak dovut lill-konvenuta mill-attur taht is-sezzjoni hawn intestata **'Mobbli – komunjoni – Parafernali'**[1]

3. F'sezzjoni sussegwenti ta' dik is-sentenza, intestata "**Krediti Parafernali"**, dik il-Qorti elenkat dawk il-krediti kontra l-komunjoni tal-

[1] Pg 11 tas-Sentenza [1578/2001]

akkwisti, fosthom donazzjonijiet li kienu nghataw lil Johanna Ganado mill-genituri taghha u li fl-istess sentenza gie stabbilit il-valur komplessiv taghhom fl-ammont ta' €426,119[2] oltre l-ammont komplessiv ta' €62,070.53[3] wkoll donati lill-istess Johanna Ganado mill-genituri taghha; kif ukoll l-ammont ta' €102,492.[4]

4. F'sezzjoni ohra tal-istess sentenza, intestata **"Mobbli – Kommunjoni – Parafernali"** dik il-Qorti trattat, inter alia, il-pretensjoni ta' Johanna Ganado fir-rigward ta' effetti mobbli li kienu jinsabu fil-pussess tal-allura konjugi Degaetano, u li parti minnhom kienu parafernali tal-istess Johanna Ganado.

5. Permezz tal-proceduri odjerni l-attrici qed tippretendi li hi m'ghandhiex taghti lill-konvenut is-somma fuq imsemmija ta' €233,000 peress li, skond hi, il-krediti parafernali taghha gew saldati bit-trasferiment lilha ta' sehmu mill-Villa. Min-naha tieghu l-konvenut jsostni li dik il-parti tas-sentenza tirreferi biss ghall-krediti parafernali tal-attrici elenkati fis-sezzjoni **"Krediti Parafernali"** tal-istess sentenza u mhux ghall-imsemmija somma li hu inghata bhala kumpens talli ttrasferixxa sehmu mill-villa. Dan id-dizgwid fl-interpretazzjoni ta' dik is-sentenza wassal sabiex gie kontestat mandat ta' sekwestru maghmul

---

[2] Pg.12 ibid.
[3] Pg.13 Ibid
[4] Pg.14 Ibid

mill-konvenut, li sussegwentement kien gie revokat peress li kien intempestiv.

6. Fl-ahhar, jigi osservat li dik il-parti tas-sentenzi [numri 1578/01 u 1665/2001] kienet giet konfermata minn din il-Qorti, diversament komposta, b'sentenza[5] moghtija fit-28 ta' Gunju 2013.

## Is-Sentenza Appellata

7. Ghall-ahjar intendiment ta' dan il-gudizzju is-sentenza appellata ser tigi riprodotta fl-intier taghha.

> "Rat ir-Rikors Maħluf tal-attriċi **Johanna Ganado** ppreżentat fis-27 ta' Marzu, 2015 fejn ikkonfermat bil-ġurament u għar-raġunijiet imfissra talbet li din il-Qorti:
>
> > "*Illi r-rikorrenti kienet miżżewġa lill-intimat u ż-żwieġ tagħhom kien regolat mill-komunjoni tal-akkwisti; illi fil-kors tal-ħajja miżżewġa tagħhom huma akkwistaw il-proprjetà magħrufa bħala Villa Belvedere fi Trasfiguration Avenue, Lija permezz ta' kuntratt ta' ċens mingħajr ebda ħlas mingħand missier ir-rikorrenti;*
> >
> > "*Illi sussegwentement, għal raġunijiet unikament attribwibbli lill-intimat, iż-żwieġ tagħhom tkisser u ġie dikjarat null b'sentenza tal-Qorti tal-Appell li rrikonoxxiet id-dikjarazzjoni tat-tribunal ekklesjastiku (Dokument "A" anness) u sussegwentement b'żewġ sentenzi tal-Qorti tal-Appell fil-kawżi numri 1578/2001 u 1665/2001 ġie provdut għax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u sabiex jiġu regolati l-pendenzi finanzjarji ta' bejniethom; dawn il-kawżi kienu ġew deċiżi mill-Qorti Ċivili, Sezzjoni Familja fis-26 ta' Jannar, 2012 u mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Ġunju, 2013 (Dokumenti "B", "C", "D", u "E" annessi);*
> >
> > "*Illi fir-rigward tal-fuq imsemmija proprjetà Villa Belvedere, Vjal it-Trasfigurazzjoni, Lija, illum jinsab ormai definittivament deċiż*

[5] Pg.11 tas-sentenza [1665/01]

*bħala res judicata li l-istess proprjetà ġiet assenjata lir-rikorrenti b'dan illi sehem l-intimat minn dik il-proprjetà, stabbilita fis-somma ta' mitejn u tlieta u tletin elf euro (€233,000), tiġi saldata ma' krediti parafernali speċifikati tar-rikorrenti (kif riżultanti mill-istess sentenza fil-kawża 1578/2001) b'mod li, salv dak dovut lill-istess Johanna Ganado minn Edward DeGaetano taħt is-sezzjoni "Mobbli – Komunjoni – Parafernali" tal-istess sentenza, ma jibqa' dovut mill-attur ebda ħlas ulterjuri f'dan ir-rigward anke jekk l-istess krediti parafernali favur ir-rikorrenti jissuperaw bil-bosta s-somma ta' €233,000 likwidati bħala sehmu mill-propjetà li darba kienet id-"dar matrimonjali" tal-partijiet;*

"*Illi l-istess Edward Degaetano ippretenda f'diversi atti kontra Johanna Degaetano li hija lilu dovuta s-somma fuq imsemmija ta' €233,000 bħala kumpens tat-trasferiment ta' sehmu mill-istess proprjetà; illi f'dan ir-rigward kien hemm digriet tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni Familja u deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fir-rigward tal-validità ta' mandat li għamel l-istess Edward DeGaetano in eżekuzzjoni tal-kreditu pretiż minnu fuq imsemmi liema atti qegħdin jiġu hawn annessi u markati Dokumenti "F" u "G";*

"*Illi minn qari tal-fuq imsemmija sentenza (1578/2001) jirriżulta abbundantement li fuq it-trasferiment ta' sehmu lilha mill-proprjetà fuq imsemmija ossija Villa Belvedere, Vjal it-Trasfigurazzjoni, Lija, Johanna Ganado ma għandha tagħti xejn lil Edward DeGaetano billi l-kreditu tiegħu (ta' €233,000) ġie paċut ossija mħallas fi kliem l-istess Onorabbli Qorti kontra krediti parafernali speċifikati (ta' aktar mid-doppju fi valur) lilha dovuti kif jingħad testwalment fl-istess sentenza, b'mod li għalkemm dawk il-krediti parafernali jeċċedu l-ammont likwidat mill-Qorti bħala kumpens għal sehmu mill-istess Villa, salv dak dovut lill-istess Johanna Ganado minn Edward DeGaetano taħt is-sezzjoni "Mobbli – Komunjoni - Parafernali" fl-istess sentenza, hija ma għandha tieħu xejn billi l-istess krediti parafernali ħafna akbar tagħha ġew ikkunsidrati kompletament paċuti jew saldati jew imħallsa;*

"*Illi hija għandha interess li l-kuntratt ta' trasferiment jiġi pubblikat u jiġi dikjarat li l-prezz tas-sehem kif stabbilit mill-istess Qorti fis-sentenza tagħha ta' €233,000 ġie paċut mal-krediti parafernali tagħha speċifikati fl-istess sentenza u li għalhekk ma hemm l-ebda ammont dovut lil Edward Degaetano fuq il-pubblikazzjoni tal-att relattiv għax il-kawża ta' dak il-kuntratt ikun jikkonsisti fil-liberazzjoni tiegħu mid-dejn tiegħu versu r-rikorrenti ammontanti għal ħames mija u disgħin elf, sitt mija wieħed u tmenin ewro tlieta u ħamsin ċenteżmu (€590,681.53) kif jirriżulta mill-ġudikat tal-Qorti (Dokument H);*

"*Għaldaqstant titlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiddeċiedi u tordna li in eżekuzzjoni tal-preċitati sentenzi tal-Qorti*

*tal-Appell għandu jiġi ppubblikat il-kuntratt fejn is-sehem ta' Edward DeGaetano mill-Villa Belvedere, Vjal it-Trasfigurazzjoni, Lija, jiġi lilha trasferit kontra l-prezz stabbilit mill-istess Qorti ta' €233,000 u jiġi inoltre dikjarat fl-istess kuntratt li dak il-prezz jinsab paċut kontra l-krediti parafernali f'somma akbar ta' €590,681.53 dovuti mill-istess Edward Degaetano lil Joanna Degaetano biex b'hekk, salv dak dovut lill-istess Johanna Ganado minn Edward DeGaetano taħt is-sezzjoni "Mobbli – Komunjoni - Parafernali" fis-sentenza ċitazzjoni numru 1578/01NC, hija ma għandhiex tieħu xejn aktar mill-krediti parafernali speċifikati fl-istess sentenza fl-ammont ta' €590,681.93 mill-istess Edward DeGaetano u lanqas għandu jieħu xejn hu mingħand ir-rikorrenti;*

"*Bl-ispejjeż kontra l-istess intimat Edward DeGaetano li huwa inġunt minn issa sabiex jidher personalment għas-subizzjoni.*"

"Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Edward DeGaetano** ppreżentata fl-20 ta' April 2015 fejn eċċepixxa s-segwenti:

*"1. Illi l-kawża odjerna hija vessatorja, irrita u nulla għas-segwenti raġunijiet:*

*a. L-uniku rimedju li kellha l-attriċi sabiex timpunja ż-żewġ sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Appell kien dak li titlob ir-ritrattazzjoni tagħhom quddiem l-istess Qorti tal-Appell, ħaġa li qatt ma għamlet.*

*b. Anke li kieku l-attriċi riedet tirritratta quddiem il-Qorti tal-Appell, hija kienet tiġi prekluża milli tagħmel hekk għaliex skond l-Artikolu 811(e) tal-Kap. 12, ċioe applikazzjoni ta' liġi ħażina, hija setgħet titlob ir-ritrattazzjoni biss purche l-"kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' liġi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat deċiżjoni".*

*c. Illi lanqas ma setgħet l-attriċi titlob ir-ritrattazzjoni skont l-Artikolu 811(l) tal-Kap. 12 għaliex la kien hemm żball fis-sentenza u fi kwalunkwe każ il-fatt tal-ħlas dovut mill-attriċi odjerna lill-konvenut kien punt kontestat li kien ġie deċiż fl-istess sentenzi tal-Qorti tal-Appell.*

*d. Il-Qorti tal-Appell, kif jidher miż-żewġ sentenzi esebiti mill-istess attriċi bħala Dokumenti D u E diġà ppronunzjat ruħha fuq il-vertenza vantata mill-attriċi odjerna u kkonfermat li hija għandha tħallas lill-eċċipjent is-somma*

*ta' mitejn u tlieta u tletin elf ewro (€233,000) mal-assenjazzjoni lilha ta' sehem l-eċċipjent tal-fond Villa Belvedere, Vjal it-Trasfigurazzjoni, Lija.*

e. *Il-liġi proċedurali tagħna (Kap. 12) imkien ma tikkontempla (recte) li Qorti ta' Prim' Istanza tista' tinterpreta sentenza li għaddiet in ġudikat mogħtija mill-Qorti tal-Appell.*

f. *Għalhekk din l-Onorabbli Qorti hija ċertament inkompetenti li tieħu konjizzjoni tat-talbiet attriċi u l-azzjoni attriċi għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż.*

"Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti li ġew esebiti mill-kontendenti.

"Semgħet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kawża.

"Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Lulju, 2015 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

"**Ikkunsidrat:**

"**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

"Bejn il-partijiet kien hemm żewġ kawżi ta' separazzjoni fl-ismijiet:

"(i) **Johanna DeGaetano proprio et nomine vs Edward DeGaetano** (Ċitazz Nru 1665/01);
"(ii) **Edward DeGaetano vs Johanna DeGaetano** (Ċitazz. Nru 1578/01).

"Bis-sentenza tal-Qorti Ċivili Sezzjoni tal-Familja fil-kawża Ċitazz. Nru 1578/01, il-Qorti ordnat l-assenjazzjoni tal-fond Villa Belvedere, Vjal it-Trasfigurazzjoni, Ħal Lija lill-attriċi li ġiet ordnata tħallas lill-konvenut Edward DeGaetano s-somma ta' €233,000. F'dan ir-rigward il-Qorti qalet li "l-krediti parafernali tal-konvenuta (l-attriċi fil-kawża odjerna) jitqiesu bħala saldati, u għalhekk mhu dovut mill-attur ebda ħlas ulterjuri f'dan ir-rigward".

"Min-naħa tagħha l-Qorti tal-Appell bis-sentenza tagħha tat-28 ta' Ġunju, 2013 varjat is-sentenza tal-prim' istanza fil-kawża Ċitazz. Nru 1578/01 billi ħassret dik il-parti tas-sentenza fejn illikwidat u qasmet il-komunjoni tal-akkwisti, għaliex l-attur Edward DeGaetano (il-konvenut fil-kawża odjerna) ma kien għamel l-ebda talba f'dan is-sens, u llimitat ruħha biex tiddikjara mitmuma l-komunjoni tal-akkwisti.

"Bis-sentenza tal-Qorti Ċivili Sezzjoni tal-Familja fil-kawża Ċitazz. Nru

1665/01, il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti li saret fil-kawża Ċitazz. Nru 1578/01 fil-prim'istanza, kienet tapplika wkoll għas-sentenza 1665/2001. Din is-sentenza tal-prim'istanza fil-kawża Ċitazz. Nru 1665/2001 ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell bis-sentenza tat-28 ta' Ġunju, 2013.

"L-attriċi qiegħda ssostni li, skont is-sentenzi preċitati, mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt tat-trasferiment ta' sehem l-attur mill-fond Villa Belvedere, Vjal it-Trasfigurazzjoni, Ħal Lija hija m'għandha tagħmel ebda ħlas lill-attur 'il għaliex l-imsemmi ħlas ta' €233,000 ġie paċut ma' krediti parafernali li l-attriċi kellha tieħu mingħand il-konvenut.

"Min-naħa tiegħu l-konvenut jikkontendi li, mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ordnat mill-Qorti, l-attriċi għandha tħallas lill-attur is-somma ta' €233,000 bħala kumpens għal sehmu mill-fond Villa Belvedere, Vjal it-Trasfigurazzjoni, Ħal Lija.

"L-attriċi tgħid li permezz tal-kawża odjerna mhijiex qiegħda titlob deċiżjoni jew varjazzjoni ta' dak li ġie deċiż bil-preċitati sentenzi, iżda qiegħda titlob deċiżjoni dwar x'ġie deċiż, 'il għaliex il-partijiet qegħdin jifhmu dak li ġie deċiż b'mod differenti.

"Mill-banda l-oħra l-konvenut isostni li l-Qorti tal-Appell diġà ppronunzjat ruħha dwar il-vertenza vvantata mill-attriċi fil-kawża odjerna u eżaminat u interpretat fid-dettall is-sentenza tal-prim'istanza u kkonfermat li l-attriċi għandha tħallas lill-konvenut is-somma ta' €233,000 mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' assenjazzjoni lilha ta' sehem il-konvenut tal-fond Villa Belvedere, Vjal it-Trasfigurazzjoni, Ħal Lija.

"Bażikament il-konvenut qiegħed iressaq l-*exceptio rei judicatae* meta jsostni "li l-liġi proċedurali tagħna imkien ma tikkontempla li Qorti ta' prim' istanza tista' tinterpreta sentenza li għaddiet in ġudikat mogħtija mill-Qorti tal-Appell".

"Għaldaqstant dak li jrid jiġi determinat minn din il-Qorti f'din il-kawża qabel kull kunsiderazzjoni oħra huwa jekk it-talbiet attriċi fil-kawża odjerna kinux diġà deċiżi b'mod definittiv permezz ta' sentenza jew sentenzi tal-Qorti tal-Appell li għaddew in ġudikat.

"**Kunsiderazzjonijiet ta' dritt**

"Huwa xieraq li fil-kuntest tal-kawża odjern, tiġi hawnhekk ribadita l-enunċjazzjoni li kienet saret fis-sentenza fl-ismijiet **Francesco Aquilina vs Neg. Giuseppe Gasan et**[6] illi l-*exceptio rei judicatae* għandha bħala fundament il-fatt tal-interess pubbliku, u wkoll għaliex *interest rei pubblicae ut sit finis litium*. Sentenza illi għaddiet in ġudikat, jiġifieri ma tistax tappella minnha iżjed, hija miżmuma tajba u sewwa u tal-ħaqq – *res judicata pro veritate habetur* – jiġifieri l-fundament tal-*actio* u tal-

[6] AK deċiża fil-5 ta' Novembru, 1934.

*exceptio rei judicatae* hija preskrizzjoni legali u għalhekk hija ta' *strictissimae interpretationis.*

"L-eċċezzjoni tar-*res iudicata* għandha bħala s-sisien tagħha l-interess pubbliku u hija maħsuba biex tħares iċ-ċertezza tal-jeddijiet li jkunu ġew definiti f'sentenza, li tbiegħed il-possibbiltà ta' deċiżjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibbiltà ta' kwistjonijiet li jibqgħu miftuħa bi ħsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun ingħatat.[7]

"L-eċċezzjoni tal-ġudikat tmur lura għal żmien id-dritt Ruman li kien jabbraċċja r-regola li l-ġudikat jitqies li hu inkontestabbli biex ikun iggarantit li r-relazzjonijiet soċjali jiżvolġu b'mod paċifiku.[8]

"Kif kien intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Cassar Parnis vs Gustavo Soler**[9]:

> *"Meta sentenza tgħaddi "in giudicato" – u sentenza tal-Ewwel Qorti tgħaddi definittivament "in giudicato" meta "finem controversiarum pronunciationem judicia accepit" (L. 1 Dig. De re judic. 42.1), u kwindi meta jew ma tkunx appellata jew ritrattata, tiġi kkonfermata u mhux revokata, salvi l-każi tar-riforma, li m'hemmx bżonn nitkellmu fuqhom – tkun xi tkun is-sentenza, skont id-Dritt Modern hija tiġi vestita u mlibbsa virtwalment b'karattru assolut ta' veridiċità – "res judicata pro veritate habetur" – b'mod li, kif qal tajjeb l-attur fin-nota tiegħu, "facit de albo nigrum" u "sequnt quadrata rotundis".*
>
> "*Illi minn dan jitnissel illi, darba li l-kawża tispiċċa irrevokabbilment, m'hemmx rimedju legali aktar biex il-kontestazzjoni terġa' tiġi miftuħa, u mhux aktar leċitu li jiġi mitlub, negat, jew fl-aħħar nett miftuħ mill-ġdid, dibattitu dwar dak li jkun ġie darba għal dejjem definit. Mhux biżżejjed li jista' jingħad li l-ġudizzju seta' kien forsi inġust fis-sens assolut tal-kelma, sabiex dak il-prinċipju jiġi mħassar jew moderat; 'l għaliex la darba l-istess sentenza tkun saret irrevokabbli, hija ma tistax titlef qatt aktar il-karattru tagħha ta' res judicata. (ara monografija "Cosa Giudicata" ta' Giuseppe Malmusi, para. 85):"*

"Meta dawn il-prinċipji li joħorġu mill-ġurisprudenza tal-qrati tagħna jiġu applikati għall-każ odjern, jirriżulta li s-sentenzi fuq ċitati wara li kienu ġew deċiżi fl-appell, ma kinitx saret talba mill-attriċi biex dawn il-kawżi ssir ir-ritrattazzjoni tagħhom quddiem l-istess Qorti tal-Appell u għalhekk saru irrevokabbli u għaddew in ġudikat.

"Però li jrid jiġi determinat ukoll minn din il-Qorti huwa jekk l-imsemmija sentenzi tal-Qorti tal-Appell li għaddew in ġudikat kinux jittrattaw proprju l-istess mertu ta' din il-kawża.

---

[7] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Charles Cortis vs. Francis X. Aquilina et** deċiża fil-25 ta' Settembru, 2003 (PA (JRM)).
[8] Diritto Processuale Civile – Edizioni Simone (III Edizione, p. 286) – *"Il problema era già avvertito in diritto romano, il quale accolse la regola che il bene giudicato diventa incontestabile, al fine di garantire il pacific svolgimento dei rapporti sociali".*
[9] Kollez. Vol: XXXIII.ii.344 (PA) deċiża fil-11 ta' Marzu, 1949.

"Bis-sentenza tat-28 ta' Ġunju, 2013 (Ċitazz. Nru 1665/01 NC), il-Qorti tal-Appell ikkonfermat li l-attriċi għandha tħallas lill-konvenut is-somma ta' €233,000 mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' assenjazzjoni lilha ta' sehem il-konvenut mill-fond Villa Belvedere, Vjal it-Trasfigurazzjoni, Ħal Lija. Is-somma ta' €233,000 ġiet likwidata *arbitrio boni viri* mill-ewwel Qorti (ara fol. 11 tas-sentenza Ċitazz. Nru 1578/01 u li hija applikabbli għas-sentenza Citazz. Nru 1665/01) bħala s-sehem tar-raġel mill-proprjetà inkwistjoni, wara li ħadet in konsiderazzjoni diversi fatturi pertinenti.

"Fis-sentenza tal-ewwel Qorti, imkien ma jingħad illi l-imsemmija somma ta' €233,000 kellha tiġi paċuta mal-krediti parafernali li l-attriċi Johanna Ganado għandha kontra l-komunjoni tal-akkwisti. Is-sentenza fuq ċitata tal-ewwel Qorti tagħmilha ċara li l-krediti parafernali tal-konvenuta huma fil-konfront tal-komunjoni tal-akkwisti li qiegħda tiġi likwidata[10] u mhux fil-konfront tal-konvenut Edward DeGaetano.

"Barra minn hekk joħroġ ċar li ma kien hemm l-ebda ekwivoku f'moħħ l-attiċi u l-ebda nuqqas ta' qbil bejn il-kontendenti dwar x'kien eżattament l-effett tad-deċiżjoni tal-ewwel qorti fuq ċitata, mill-fatt li l-attriċi interponiet appell inċidentali bbażat *inter alia* fuq l-aggravju li "ladarba l-ewwel Qorti ddeċidiet li tikkomina l-effetti tal-Artikolu 48 [Kap. 16] fir-rigward tal-konvenut, kien messha wkoll ċaħħditu mill-ammont ta' mitejn u tlieta u tletin elf Euro (€233,000) li ordnat lill-appellata tħallsu a saldu ta' sehmu mill-proprjetà msemmija bħala ekwiparazzjoni".

"Il-Qorti tal-Appell ċaħdet dan l-aggravju u kkonfermat li l-attriċi għandha tħallas lill-konvenut is-somma ta' €233,000 li l-ewwel Qorti ordnat lill-attriċi tħallsu a saldu ta' sehmu mill-proprjetà inkwistjoni.

"Illi inoltre mill-atti jirriżulta wkoll li l-attriċi resqet proċeduri ai termini tal-Artikolu 836 tal-Kap. 12 fejn talbet li jitħassar il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 321/2013, liema mandat kien inħareġ fuq talba ta' Edward DeGaetano proprju għas-somma inkwistjoni ta' €233,000. It-talba ta' Johanna Ganado f'dawk il-proċeduri għar-revoka tal-mandat kienet ibbażata fuq (i) li waħda mis-sentenzi fuq ċitati ma kkanonizzatx lil Edward DeGaetano bħala kreditur tas-somma pretiża, u anzi l-ammont pretiż ġie paċut kontra krediti parafernali tal-attriċi; (ii) li t-talba għall-ħruġ tal-mandat kienet intempestiva għaliex is-somma ta' €233,000 tkun dovuta mat-trasferiment ta' sehmu minn Villa Belvedere, Triq it-Trasfigurazzjoni, Ħal Lija permezz ta' att pubbliku ordnat mill-Qorti tal-Appell u mhux qabel.

---

[10] Ara a fol. 13 tas-sentenza fuq ċitata - "... il-Qorti taċċetta l-konklużjoni tal-perit legali li fil-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, il-konvenuta għandha kreditu parafernali kontra l-istess komunjoni fl-ammont fuq indikat ta' LM182,933 [illum €426,119)". (Sottolinear ta' din il-Qorti)

"L-ewwel Qorti f'dak il-proċeduri (Rikors Numru 14/2014 TE) fejn kienet qed tintalab ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 321/2013: (a) filwaqt li rriaffermat illi il-krediti parafernali tal-attriċi kienu fil-konfront tal-komunjoni tal-akkwisti u mhux fir-rigward tal-konvenut Edward DeGaetano; (b) ikkonfermat li Johanna Ganado għandha tħallas lill-konvenut Edward DeGaetano is-somma ta' €233,000 mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt li jifformalizza l-assenjazzjoni; (ċ) laqgħet l-eċċezzjoni tal-intempestività fis-sens li ma kienx legalment korrett li jintalab l-imsemmi ħlas ta' €233,000 qabel it-titolu ta' proprjetà ta' Villa Belvedere ikun kollu f'isem Johanna Ganado.

"Minkejja li l-Qorti laqgħet it-talba ta' Johanna Ganado biex jitħassar il-mandat ta' sekwestu eżekuttiv numru 321/2013 peress li t-talba għall-ħlas ta' €233,000 da parti ta' Edward DeGaetano ġiet ritenuta li kienet intempestiva, l-attriċi Johanna Ganado xorta waħda interponiet appell minn dak il-provvediment.

"L-uniku aggravju tal-appellanti (Johanna Ganado) kien fis-sens illi l-ewwel Qorti żbaljat meta ħassret il-mandat biss minħabba l-intempestività tiegħu u skont hi "tat arma ferm perikoluża lill-appellat (Edward DeGaetano) billi ħallietlu l-bieb miftuħ għal pretensjoni ta' €233,000 intiera mat-trasferiment ta' Villa Belvedere. Skont l-appellanti, kif spjegat fl-appell tagħha, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tat-28 ta' Ġunju, 2013, irritjeniet l-oppost ta' dan".

"Fis-sentenza tagħha tal-24 ta' April, 2014 **(Rikors numru 14/14 AE wara l-mandat ta' sekwestru numru 321/2013 fl-ismijiet Edward De Gaetano vs Johanna De Gaetano llum Ganado)** il-Qorti tal-Appell ċaħdet dan l-appell peress li dik il-parti tal-provvediment illi kienet qed tappella minnu Johanna Ganado ma kinitx dik operattiva. Minkejja li ċaħdet dan l-appell, il-Qorti tal-Appell fl-istess sentenza ħasset li:

> *"hu doveruż (biex jekk hu possibbli tevita aktar vertenzi bejn il-partijiet) tikkummenta li s-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-28 ta' Ġunju, 2013 hekk ikkummentat fil-parti relattiva għal ħlas ta' €233,000 fuq imsemmi;*
>
>> *"It-tieni ilment tal-attur 'prima facie' jidher ġustfikat. Huwa jgħid li anke jekk wieħed jieħu l-ammont imsemmi li huwa l-inqas wieħed favorevoli għalih fil-komputazzjoni relattiva għall-ammont dovut lilu skont il-qasma ordnata mill-Qorti, dan għandu jkun akbar minn €233,000 għaliex il-Qorti jidher li minflok naqqset il-krediti parafernali tal-attriċi mill-ammont totali (għaliex si tratta ta' krediti vis à vis il-komunjoni), naqqsitu minn sehmu. Dan jista' jidher evidenti mad-daqqa t'ghajn – però l-ewwel nett meta l-appellant ħadem l-ammont suppost dovut lilu ma naqqasx ukoll is-somma ta' €62,070 li ġew donati lill-konvenuta mill-ġenituri tagħha*

> *biex tixtri l-mobbli tad-dar fl-2002. Għalhekk l-ammont dovut lill-appellanti kieku kellu jkun €579,827.*
>
> *"Madankollu meta wieħed jeżamina s-sentenza sewwa jinduna li fil-fatt il-Qorti mhux żball kienet ħadet iżda kkunsidrat bħala donazzjonijiet esklussivi lill-appellata dawk li l-appellant iqis bħala krediti fil-komputazzjoni tiegħu. Kien ghalhekk li l-Qorti ddeċidiet li takkorda s-somma ta' €233,000 liema somma illikwidat 'arbitrio boni viri' u anke hawn din il-Qorti ma tħossx li għandha tiddisturba la l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li fil-fatt dawk kienu fil-fatt donazzjonijiet magħmula mill-ġenituri tal-appellata lilha biss u lanqas il-likwidazzjoni li saret mill-istess Qorti bbażata fuq il-figuri li kellha quddiemha. Għalhekk il-Qorti wara li ħasbet fit-tul u eżaminat l-atti tal-kawża wkoll se tirrespinġi dan l-aggravju.*

> "*Barra minn hekk l-istess appellanti fl-appell inċidentali tagħha mis-sentenza tal-ewwel Qorti f'dik il-kawża kienet talbet it-tħassir tal-parti fejn skont ir-rikors stess tagħha qalet illi l-Qorti tal-Familja kienet "għaddiet biex tikkundannaha tħallas is-somma ta' €233,000 lill-konvenut (f'dik il-kawża)". Din il-parti tal-appell ma ġietx milqugħa u s-sentenza tal-Prim'Istanza fir-rigward ikkonfermata.* ***Kwindi l-istess appellanti fehmet li kellha tħallas is-somma ta' €233,000 lill-appellat***[11]*.*

"Mis-suespost jirriżulta ampjament li Johanna Ganado, l-attriċi f'din il-kawża, fehmet eżatt x'kien l-effett tas-sentenzi 1578/2001 u 1665/2001, ċjoè li hija kellha tħallas is-somma ta' €233,000 lil Edward DeGaetano. Huwa evidenti li l-attriċi Johanna Ganado ma kellha l-ebda diffikultà fl-interpretazzjoni tal-imsemmija sentenzi, kif qiegħda tipprova tivvanta permezz tal-kawża odjerna, għax huwa altru ċar li hija fehmet x'kien l-effett tal-imsemmija sentenzi, anki jekk evidentement hija ma taqbilx magħhom.

"Fid-dawl tal-prinċipji fuq esposti dwar l-*exceptio rei judicatae,* huwa ċar li l-attriċi ħalliet is-sentenzi inkwistjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Dokumenti D u E esebiti mar-Rikors Maħluf) jgħaddu in ġudikat meta hija ma talbitx ir-ritrattazzjoni tagħhom quddiem l-istess Qorti tal-Appell.

"Barra minn hekk jirriżulta ampjament mill-atti tal-kawża li l-Qorti tal-Appell bis-sentenzi su ċitati diġà ppronunzjat ruħha b'mod definittiv dwar il-vertenza vvantata mill-attriċi fil-kawża odjerna. Konsegwentement din il-Qorti m'għandhiex il-kompetenza li tieħu konjizzjoni tat-talbiet attriċi li jirrigwardjaw materja li għaddiet in ġudikat permezz tas-sentenzi 1578/2001 u 1665/2001. F'dan l-istadju għalhekk "mhux aktar leċitu li jiġi mitlub, negat, jew fl-aħħar nett miftuħ mill-ġdid, dibattitu dwar dak li jkun ġie darba għal dejjem definit[12]".

---

[11] Enfażi ta' din il-Qorti.
[12] **Carmelo Cassar Parnis vs. Gustavo Soler** su ċitata.

**L-Appell**

8. Dan hu fis-sens li l-ewwel Qorti ma kellhiex tiddeciedi li hi inkompetenti li tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici, ghax dak li qed titlob l-attrici f' dawn il-proceduri huwa li tinghata interpretazzjoni korretta tat-sentenzi li inghataw fil-kawzi numri 1578/01 u 1665/2001 stante li qed jigi kontestat id-dritt pretiz mill-konvenut ghas-somma ta' €233,000. Tissottometti li ma hemm ebda divergenza fuq l-effett tal-gudikat u "d-divergenza tirrigwarda biss il-mod kif ghandha tigi interpretata u esegwita s-sentenza meritu ta' din l-kawza". Hija tkompli tfisser hekk l-aggravju taghha:

> "Dak li qieghda titlob l-esponenti appellanti mhux li jinbidel il-gudikat imma li jigi applikat dan il-gudikat kif inhu minghajr ebda bdil jew gudizzju ulterjuri. U jekk wiehed jaqra attentament is-sentenza fuq liema qeghdin nitkellmu wiehed ma jsib l-ebda kundanna kontra l-esponenti biex din thallas is-somma pretiza mill-intimat appellat. Fil-fatt il-vertenza u d-disputa kollha qamet mill-pretensjoni tal-appellat li l-esponenti appellanti giet ikkundannata thallas l-ammont ta' Eur233,000 lilu bhala korrispettiv tat-trasferiment tas-sehem tieghu fil-proprjeta` tal-komunjoni. Imma jekk wiehed jaqra din is-sentenza ma jsib l-ebda kundanna ghall-hlas fil-konfront tal-esponenti appellanti billi kull ma gie stabbilit fis-sentenza huwa l-prezz ta' sehem l-appellat ghat-trasferiment ta' l-istess sehem fil-Villa Belvedere (Eur233,000) lill-appellanti – liema prezz gie ritenut li ghandu jithallas b'kumpensazzjoni mas-somma ta' Eur590.681 bhala krediti parafernali dovuti lill-appellanti u kien propju ghaliex din l-ahhar somma dovuta lill-appellanti hija bil-wisq akbar minn dak is-sehem likwidat tal-appellat li l-Qorti Civili Sezzjoni Familja irriteniet li 'bit-trasferiment ta' sehmu mill-Villa, l-krediti parafernali tal-konvenuta jitqiesu saldati, u ghalhekk mhu dovut mill-attur ebda hlas ulterjuri f'dan ir-rigward. Jibqa' ferm pero` dak dovut lill-konvenuta mill-attur taht is-sezzjoni hawn taht intesta 'Mobbli – Komunjoni – Parafernali'. Dan huwa ferm sinifikanti ghaliex fejn il-Qorti riedet tikkundanna lil xi parti ghall-hlas, dan qalitu b'ebda indugju. Il-vertenza fil-fatt twieldet minn mandat ezekuttiv li l-appellat ghamel kontra l-appellanti ghall-hlas tas-somma minnu pretiza (€233,000) minghand l-appellanti billi ppretenda li s-sentenza kkundannat lill-appellanti biex thallas din is-somma. Dak il-

mandat gie revokat – fil-fatt ma hemm l-ebda kundanna li ghab-bazi taghha seta' johrog dak il-mandat".

………………………. omissis ……………………………

"Mhux accettabbli li jiddahhlu in konsiderazzjoni elementi ohra ghaliex inkella wiehed jkun qieghed ibiddel in-natura tal-gudikat u jkun qieghed jirrikunsidra materja li ga giet finalment deciza. Ghalhekk l-analizi li trid issir permezzs ta' din il-kawza hija analizi tad-decizjoni innifisha li tkun qieghda tigi esegwita; u din l-analizi hija sfortunatament nieqsa fis-sentenza tal-Ewwel Qorti

………………………. omissis ……………………………"

9. Abbazi tal-aggravju taghha l-attrici qieghda titlob li din il-Qorti tirrevoka u thassar is-sentenza appellata, tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u tilqa' t-talba taghha; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut.

10. Min-naha tieghu l-konvenut jirribatti li l-pretensjoni attrici dedotta f'dawn il-proceduri hija abbuz tal-proceduri u li l-appell interpost huwa "sfaccatament frivolu u vessatorju" u huwa intiz biss sabiex jiffrustra l-ezekuzzjoni ta' sentenza li ghaddiet in gudikat sena u nofs ilu. Jissenjala li, ghalkemm sar appell li kkonferma dan l-aspett tal-kawza, ma ntalbitx ir-ritrattazzjoni. Huwa kompla jissottometti:

"3. Illi l-esponent ma jistax ma jilmintax ghal mod kif l-appellanti qieghda ccahdu u tippregudikah milli jircievi s-somma ta' mitejn u tlieta u tletin elf euro (€233,000) billi bi pretizi assurdi u, jerga' jigi emfasizzat, b'abbuz tal-procedura, tkompli tallega li 'l fuq imsemmija sentenza ma kkundannathiex thallsu l-imsemmija somma kontestwalment mal-assenjazzjoni lilha tas-sehem tan-nofs indiviz tieghu tal-Villa Belvedere.

"4. Illi dak espost fil-paragrafu precedenti jorigina miz-zewg sentenzi tal-Qorti tal-Familja (per Onor. Imh N Cuschieri) moghtija t-tnejn fis-26 ta' Jannar 2012 fil-kawzi fl-ismijiet 'Johanna De Gaetano pro et noe et vs

Edward De Gaetano' (Citazz Nru 1665/2001) u 'Edward De Gaetano vs Johanna De Gaetano' (Citazz Nru 1578/2001). Fl-ewwel sentenza imsemmija l-Qorti addottat bis-shih il-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet raggjunti minnha fis-sentenza moghtija dakinhar stess fil-kawza fl-ismijiet inversi numru 1578/2001 fejn il-Qorti ordnat li l-esponent jigi kumpensat *arbitrio boni viri* bis-somma ta' mitejn tlieta u tletin elf euro (€233,000) li l-konvenuta ghandha thallas lill-attur. Wiehed hawn jiccara li fil-komputazzjoni tas-somma l-Qorti bbazat ruhha fuq il-valutazzjoni tal-Villa Belvedere ta' €1,750,767 (miljun seba' mija hamsin elf seba' mija u sebgha u sittin euro) stabbilita mill-perit David Pace.

"5. Illi minn dawn is-sentenzi saru appelli miz-zewg partijiet, fosthom appell incidentali mill-attrici appellanti odjerna peress li rriteniet li, ghar-ragunijiet hemm imfissra, l-esponent messu wkoll jigi mcahhad milli jircievi l-imsemmija somma. Din l-Onorabbli Qorti, bis-sentenza taghha fuq imsemmija moghtija fit-28 ta' Gunju 2013 (per Onor. Imh. S Camilleri, T Mallia u J Azzopardi) cahdet l-appell incidentali tal-attrici appellanti odjerna u kkonfermat espressament il-hlas tal-imsemmija somma lill-esponent.

"6. Illi mis-sentenza riferita fil-paragrafu precedenti, l-attrici appellanti odjerna ma ntavolat ebda proceduri ghar-ritrattazzjoni u ghalhekk dik is-sentenza ghaddiet in gudikat.

"7. Illi sussegwentement meta l-esponent baqa' ma thallasx is-somma kanonizzata favur tieghu, huwa pproceda b'mandat ta' sekwestru izda fl-20 ta' Jannar 2014 l-attrici appellanti odjerna talbet ir-revoka tieghu (Rikors ta' Revoka nru 14/2014) ghaliex allegat li l-esponent (i) ma kellu ebda kreditu kanonizzat favur tieghu; u (ii) li l-mandat kien intempestiv ghaliex, fi kliem l-istess attrici, '*is-somma ta' Euro 233,000 tkun dovuta mat-trasferiment ta' sehmu ta Villa Belvedere permezz ta' att pubbliku ordnat mill-Qorti ta' l-Appell u mhux qabel'.* Dan ir-rikors gie deciz fid-19 ta' Frar 2014 (per Onor Imh A Ellul) fejn ghalkemm il-Qorti rrevokat il-mandat ta' sekwestru peress li dehrilha li kien intempestiv, dahlet ukoll u ezaminat l-allegazzjoni li l-esponent ma kellu ebda kreditu kanonizzat favur tieghu ghamlitha cara li ma kenitx qed taqbel ma' tali asserzjoni u fil-fatt ikkonkludiet li '*Hu mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt li l-assenjazzjoni ser tigi formalizzata. Ghalhekk hu f'dak l-istadju li Johanna De Gaetano trid thallas is-somma ta' €233,000 lil zewgha, li din il-qorti stess qalet li hi dovuta bhala kumpens ghal tali assenjazzjoni.'*

"8. Illi lanqas kuntenta b'din id-decizjoni, l-attrici anke appellat minnha u l-appell gie deciz minn din l-Onorabbli Qorti fid-29 ta' April 2014 (per Onor Imh S Camilleri,T Mallia u J Azzopardi) fejn apparti li l-appell tal-attrici odjerna gie dikjarat inammissibli proceduralment, il-Qorti hassitha fid-dover li '*biex jekk hu possibbli tevita aktar vertenzi bejn il-partijiet*' tiddikjara li s-somma in kwistjoni kienet effettivament dovuta u '*l-istess appellanti fehmet li kellha thallas is-somma ta' €233,000 lill-appellat*'.

“9. Illi sfortunatament il-kliem u speranzi tal-Qorti ta’ l-Appell marru mar-rih ghaliex l-attrici ddecidiet li xorta wahda tmur kontra kull kurrent u kull ripetuta interpretazzjoni moghtija bid-diversi sentenzi u allura regghet intavolat kawza ohra, cioe` dik li minnha hija qed tinterponi l-appell odjern, wara sentenza minn Imhallef iehor (Onor Imh L Mintoff) li mhux biss cahad t-talbiet taghha abbazi tal-*exceptio rei judicatae* izda ghal kull buon fini rega’ kkonferma li ‘*jirrizulta ampjament li Johanna Ganado, l-attrici f’din il-kawza, fehmet ezatt x’kien l-effett tas-sentenzi 1578/2001 u 1665/2001, cioe` li hija kellha thallas is-somma ta’ €233,000 lil Edward De Gaetano. Huwa evidenti li l-attrici Johanna Ganado ma kellha l-ebda diffikulta` fl-interpretazzjoni tal-imsemmija sentenzi, kif qieghda tipprova tivvanta permezz tal-kawza odjerna, ghax huwa altru car li hija fehmet x’kien l-effett tal-imsemmija sentenzi, anke jekk evidentement hija ma taqbilx maghhom’.*

“10. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, huwa wkoll sintomatiku li l-appellanti fid-diversi komputazzjonijiet li ssemmi fl-appell taghha, qatt ma ssemmi l-valutazzjoni ta’ €1,750,767 li abbazi taghha giet kalkolata *arbitrio boni viri* s-somma ta’ €233,000 dovuta lill-esponent biex b’hekk tkun tista’ tallega li l-kreditu parafernali taghha fl-ammont ta’ €590,681.53 ma kenitx ser tiehdu. L-aritmetika semplici tindika li jekk mill-valur tal-villa stabbilita mill-perit David Pace jitnaqqas il-kreditu parafernali, dan ihalli bilanc ta’ €1,160,085.47 u kwindi nofs l-ammont dovut lill-esponent suppost kien €580,043. Kwindi l-ammont hafna inferjuri ta’ €233,000 deciz favur tieghu jgib fix-xejn l-allegazzjoni tal-attrici appellanti li hi ma tkun qed tiehu xejn mill-krediti parafernali taghha.”

11. Il-konvenut ikkonkluda r-risposta tieghu billi talab li jigi applikat fil-konfront tal-attrici s-sanzjoni kontemplata fil-paragrafi 10 [1] u [2] tat-Tariffa A tal-Kap.12, kif ukoll sabiex l-attrici tigi ikkundannata l-ispejjez doppji ai termini tal-artikolu 223 [4] tal-istess Kap.

## Konsiderazzjonijiet ta’din il-Qorti

12. Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li, ghalkemm l-ewwel Qorti iddecidiet li ma kellhiex il-kompetenza sabiex titratta l-meritu tat-talbiet attrici, hija xorta wahda investiet il-meritu u cahdet it-talbiet tal-attrici.

Din il-Qorti tissenjala li ladarba l-ewwel Qorti kienet tal-fehma li ma kinitx kompetenti sabiex tiehu konjizzjoni tal-kaz, il-konkluzjoni taghha kellha tkun li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attrici u tieqaf hemm.

13. Fit-tieni lok, din il-Qorti tosserva li l-aggravju tal-attrici in kwantu qed issostni li l-ewwel Qorti kienet kompetenti li tisma' u tiddeciedi l-kaz isib gustifikazzjoni fil-konsiderazzjoni li dak li qed titlob l-attrici f'dawn il-proceduri mhuwiex li jitbiddel dak deciz mill-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] u konfermat minn din il-Qorti u ghalhekk illum huwa *res iudicata*, izda decizjoni dwar l-interpretazzjoni korretta ta' parti mis-sentenzi fuq indikati rigwardanti parti mill-aspett tal-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, jigifieri dik il-parti li tirrigwarda d-dar matrimonjali u whud mill-krediti parafernali vantati mill-attrici.

14. Din il-Qorti, tenut kont li l-ewwel Qorti investiet u ppronunzjat ruhha *obiter* fuq il-meritu, u tenut kont li anke l-partijiet fl-atti rispettivi tal-appell ittrattaw il-meritu, ser tghaddi sabiex, ghall-ekonomija tal-gudizzju u sabiex issir gustizzja mal-konvenut li ilu 'il fuq minn sena sabiex jiehu dak assenjat lilu mill-Qorti tal-Familja, tinvesti l-meritu.

15. Din il-Qorti tosserva li minn qari intelligenti tas-sentenzi *de qua* u minghajr sforz kbir tal-intellett ghandu jirrizulta car kristallin li fil-parti

relattiva tas-sentenza fil-kawza numru 1578/01 u precizament fil-pagni numri 11 u 13, fl-assenjazzjoni maghmula rigwardanti d-dar matrimonjali li inbniet fuq art li kienet inghatat lill-partijiet b'enfitewsi perpetwa minn missier l-attrici u li ghalhekk f'cirkostanzi normali l-konvenut kellu nofs indiviz tal-art, dik il-Qorti, minhabba l-fatturi elenkati minnha[13], dehrilha li ma kienx gust li l-valur kollu ta' nofs il-binja, allura [il-binja shiha] stmata mill-Perit David Pace fl-ammont ta' €1,750.76, jigi assenjat lill-konvenut bhala kumpens, izda fid-dawl ta' dawk l-istess fatturi illikwidat il-kumpens dovut lil Edward De Gaetano *arbitrio boni viri* fl-ammont ta' €233,000 li *"ghandhom"* jithallsu lilu minn Johanna Ganado. Izda tenut kont li dan l-ahhar ammont huwa ferm inferjuri mill-valur ta' nofs il-binja, dik il-Qorti ziedet li "ukoll" bit-trasferiment ta' sehmu mill-villa "<u>l-krediti parafernali tal-konvenuta</u> jitqiesu bhala saldati" u ghalhekk mhu dovut mill-attur ebda hlas "ulterjuri" f'dan ir-rigward.

16. Minn qari tas-sentenza relattiva jirrizulta li fis-sezzjoni **"Krediti Parafernali"** hemm elenkati diversi krediti parafernali appartenenti lill-attrici fil-konfront tal-komunjoni tal-akkwisti. Huma dawn il-krediti li dik il-Qorti irreferiet ghalihom bhala li ghandhom jitqiesu saldati mat-trasferiment ta' sehem Edward De Gaetano lil Johanna Ganado mill-villa u mhux il-kumpens moghti ghal dak it-trasferiment. Dan kellu jirrizulta aktar car meta fl-istess paragrafu l-Qorti tal-Familja eskludiet dak dovut

---
[13] Supra para. 2

lill-konvenuta mill-attur taht is-sezzjoni intestata **“Mobbli – Komunjoni – Parafernali.”**

17. Fi ftit kliem, tenut kont li lil Edward De Gaetano ma giex assenjat il-valur shih ta’ nofs il-villa [minhabba l-fatturi elenkati fis-sentenza] u gie assenjat lilu ammont ferm inferjuri ghal valur ta’ nofs il-villa, dik il-Qorti dehrilha li l-valur tal-krediti parafernali tal-attrici kellhom jitqiesu saldati, u dan indipendentement mill-hlas tal-kumpens ta’ €233,000 dovut lilu bl-assenjazzjoni lilha ta’ sehem Edward Degaetano mill-villa. Din l-interpretazzjoni *sic et simpliciter* tirrizulta b’mod manifest mis-sentenza in kwistjoni.

18. Ghaldaqstant, filwaqt li tilqa’ l-aggravju tal-attrici bhala teknikament gustifikat, ser tichad it-talba attrici izda ghar-ragunijiet differenti minn dawk moghtija mill-Ewwel Qorti.

19. Rigward il-kap tal-ispejjez u s-sanzjonijiet mitluba mill-konvenut, din il-Qorti tosserva li, tenut kont tal-fatt li l-aggravju tal-attrici kien gustifikat, mhux il-kaz li jigu imposti fuq l-attrici sanzjonijiet, izda, peress li dak mitlub minnha fir-rikors tal-appell rigwardanti t-talba taghha maghmula fir-rikors promotur qed jigi michud, l-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati minnha.

**<u>Decide</u>**

Ghar-ragunijiet premessi tiddisponi mill-appell billi tilqghu limitatament u tirrevoka s-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti iddecidiet li ma kellhiex kompetenza li tisma' l-kaz u minflok, tiddikjara li dik il-Qorti kellha kompetenza li tisma' u tiddeciedi l-kaz; tiddeciedi dwar il-meritu billi, ghar-ragunijiet fuq indikati, tichad it-talba tal-attrici kif dedotta fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi, filwaqt li dawk tal-appell ikunu kollha a kariku tal-attrici.

Giannino Caruana Demajo — President

Joseph R Micallef — Imhallef

Noel Cuschieri — Imhallef

Deputat Registratur
gr